MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 451/2006

**Talba Nru: 451/06PBC**

**Redina Abela u Mario Abela**

**Vs**

**Chev. Louis Scerri Montaldo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf u sitta u sittin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm1,066.18c) u dan rapprezentanti elf, erba` mija u tnejn u disghin Euro (€1,492) (sitt mija u disgha u tletin lira Maltin u sitta u

hamsin centezmu -Lm639.56c) bhala valur ta` biljett ta` l-ajru mhallsa mill-atturi; sitt mija u tnejn u ghoxrin Euro (€622) (mitejn u sitta u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu - Lm266.62c) bhala depozitu affettwat mill-atturi mhux rekupabbli mill-agenzija ta` l-ivvjaggar; mija u sittin lira Maltin (Lm160) spejjez imhallsa mill-attur lill-istess konvenut ghall-hrug ta` l-imsemmija Visas, liema Visas ma nhargux fiz-zmien pattwit bejn il-partijiet u dan bi htija unikament tal-konvenut li wassal illi l-atturi ma setghux isiefru lejn il-Brazil hekk kif kien imhejji minnhom u fid-data ppjanata minnhom. Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta` interpellanza datata 9 ta` Marzu, 2006.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi preliminarjament in-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` din il-Qorti peress li stat, ambaxxaturi u l-konsli taghha ghandhom diskrezzjoni assoluta dwar l-ghotja o meno ta` Visas u z-zmien dovut ghall-hrug tal-Visas; liema diskrezzjoni hija nsindakabbli minn dan it-Tribunal u inoltre jgawdu mill-immunita` fil-qadi ta` dan il-funzjoni; 2) illi bla pregudizzju ghas-suespost, illi fit-tieni lok ic-Chevalier Louis Scerri Montaldo, personalment, m'huwiex il-legittimu kontradittur ta` din il-kawza; 3) illi fit-tielet lok u fil-mertu, l-eccipjenti bhala konslu ta` l-istat tal-Brazil qatt ma wieghed jew intrabat ruhu b'mod iehor biex jipprovdi l-Visa lill-atturi fiz-zmien determinat; 4) fir-raba` lok l-atturi ghandhom jippruvaw kwalunkwe dannu li allegaw; 5) illi fil-hames lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ukoll peress illi d-dewmien fil-hrug tal-Visas bl-ebda mod ma tirrizulta li kienet ikkagunata mill-ghemil tal-konvenut konslu. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u l-atturi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

## Ikkunsidra

Illi din is-sentenza qeghda tinghata preferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni u cjoe`, jekk dan it-Tribunal ghandux kompetenza li jiddeciedi l-materja in kwistjoni u dan in

vista tal-fatt illi l-konvenut invoka d-drittijiet tieghu dwar l-immunita` u l-privileggi diplomatici kif sanciti fil-Kapitli 144 u 191 tal-Ligijiet ta` Malta (vide Dok. a fol 12 tal-process). Illi huwa evidenti mill-qari ta` l-Avviz promotur illi t-talba attrici hija bbazata fuq allegat inadempiment da parti tal-konvenut fil-vesti tieghu ta` konslu tal-Brazil u ghalhekk l-istess Avviz jinvoka lil dan it-Tribunal sabiex jezamina l-agir o meno ta` l-istess konvenut u jekk tali agir iwassalx lill-istess konslu li jinzamm responsabbli ghad-danni allegatament subiti mill-istess atturi.

Tajjeb illi jigi replikat l-Artikolu 10 tal-Kap. 144 tal-Ligi ta` Malta:

“**10.** (1) Funzjonarju jew impjegat konsulari ma jkunx jista` jigi pprocessat fil-Qrati, dwar dak li jkun ghamel fil-karigat tieghu ufficjali, li jaghmlu sehem mid-dmirijiet ta` funzjonarju konsulari kemm-il darba l-Gvern tieghu ma jkunx talab jew ta l-kunsens tieghu ghal dawk il-procedimenti b’mezz tar-rapprezentant tieghu diplomatiku:

Izda ebda haga f’dan is-subartikolu ma zzomm funzjonarju jew impjegat konsulari milli jkun mizmum responsabbli f’kawza civili li tinbet minn kuntratt maghmul minnu li fih huwa ma jkunx espressament ikkuntratta bhala agent tal-Gvern tieghu u li fih il-parti l-ohra qaghdet fuqu ghat-twettiq ta` l-istess kuntratt u d-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 9 ma jaghtux jedd lil funzjonarju jew impjegat konsulari li jirrofta li jgib xi dokument jew li jixhed dwar kuntratt bhal dak.

(2) Kwalunkwe qorti jew awtorita` li tinhtieg ix-xhieda ta` funzjonarju konsulari ghandha tiehu l-passi kollha xierqa biex ma jkunx hemm indhil fit-twettiq tad-dmirijiet tieghu ufficjali u ghandha, meta jkun possibbli jew tista`, taghmel mezz ghas-smiegh ta` din ix-xhieda fir-residenza jew ufficcju tieghu.”

Inoltre t-Tribunal jaghmel referenza ghall-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta` Vjenna dwar relazzjonijiet diplomatici (fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 191 tal-Ligi ta` Malta)

"1. Agent diplomatiku ghandu jgawdi mmunita` minn gurisdizzjoni kriminali ta` l-Istat riceventi. Ghandu jgawdi wkoll immunita` minn gurisdizzjoni civili u amministrattiva, hlief fil-kaz ta`:

(a) azzjoni reali dwar proprjeta` private mmobbli li tkun qeghda fit-territorju ta` l-Istat riceventi, jekk ma jkunx qed izommha f'isem l-Istat mandanti ghall-iskopijiet tal-missjoni;

(b) azzjoni dwar successjoni li fiha l-agent diplomatiku jkun involut bhala esekutur, amministratur, eredi jew legatarju bhala persuna private u mhux f'isem l-Istat mandanti;
(c) azzjoni dwar xi attivita` professjonali jew kummercjali ezercitata minn agent diplomatiku fl-Istat riceventi barra mill-funzjonijiet tieghu ufficjali.

2. Agent diplomatiku m'huwiex obbligat li jaghti x-xhieda tieghu bhala xhud.

3. Ma jistghu jittiehdu ebda mizuri ta` esekuzzjoni dwar agent diplomatiku hlief fil-kazijiet skond is-sub-paragrafi (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 ta` dan l-Artikolu, u jekk il-mizuri in kwistjoni jkunu jistghu jittiehdu minghajr ma jiksru l-invjolabbilta` tal-persuna tieghu jew tar-residenza tieghu.

4. L-immunita` ta` agent diplomatiku mill-gurisdizzjoni ta` l-Istat riceventi ma tezentahx mill-gurisdizzjoni ta` l-Istat mandanti."

Dan il-hsieb gie anki rifless fil-famuz kaz ta` **Rahimtoola Vs Nizam of Hyderabad ([1959] A.C. 379 & 420)** fejn Lord Dennig huwa rraportat li qal:

"*If the dispute brings into question, for instance, the legislative or international transactions of a foreign Government, or the policy of its executive, the Court should grant immunity if asked to do so, because it does offend the dignity of a foreign sovereign to have the merits of such a dispute canvassed in the domestic Court of another country; but if the dispute concerns, for instance,*

*the commercial transaction of a foreign Government (whether carried on by its own departments or agencies or by setting up separate legal entities), and it arises properly within the territorial jurisdiction of our Courts, there is no ground for granting immunity."*

Huwa evidenti mill-premess li dan it-Tribunal m'ghandux il-kompetenza sabiex jezamina l-agir tal-konvenut fil-vesti tieghu ta` konslu ta` Brazil dwar ghoti o meno ta` Visa. Dan huwa agir ta` stat li mhux sindikabbli minn dan it-Tribunal u inoltre, a tenur ta` l-istess ligijiet, il-konvenut, fl-ezercizzju tax-xoghol mertu tal-kawza odjerna jgawdi minn immunita` minn gurisdizzjoni civili w amministrattiva.

Ghaldaqstant l-esponenti jiddisponi minn din il-kawza billi filwaqt li jilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, qieghed jiddikjara li m'ghandux il-gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi l-mertu tal-kawza odjerna u konsegwentement jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.  L-ispejjez huma a karigu ta` l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------